Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.10684 — SWISS LIFE / VAUBAN / WASCOSA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 172/03)

1. Fid-19 ta' April 2022, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Swiss Life Holding AG ("Swiss Life", l-Iżvizzera),

— Vauban Infrastructure Partners SCA ("Vauban", Franza), ikkontrollata minn BPCE S.A. (Franza),

— WASCOSA Holding AG ("WASCOSA", l-Iżvizzera).

Swiss Life u Vauban se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Wascosa kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Swiss Life hija fornitur Ewropew ta' pensjonijiet tal-ħajja komprensivi u soluzzjonijiet finanzjarji. Hija attiva fl-UE, fl-Iżvizzera, fir-Renju Unit, fil-Liechtenstein u f'Singapore. Swiss Life hija attiva fis-settur tal-assigurazzjoni tal-ħajja u fis-segment tal-investiment u tal-ġestjoni tal-assi; tipprovdi wkoll soluzzjonijiet ta' benefiċċji tal-impjegati lill-korporazzjonijiet multinazzjonali,

— Vauban hija kumpanija Ewropea tal-ġestjoni tal-assi b'enfasi fuq investimenti ta' ekwità infrastrutturali b'enfasi qawwija fi Franza iżda wkoll investimenti diretti fil-Finlandja, fl-Italja, fin-Norveġja, fil-Portugall u fi Spanja. Tirristruttura u timmaniġġja fondi ta' ekwità li jinvestu fit-tfassil, fil-kostruzzjoni, fil-manutenzjoni, fil-finanzjament u fl-operat ta' assi ta' infrastruttura essenzjali fis-setturi tat-trasport, soċjali, diġitali u tal-utilitajiet,

— WASCOSA hija kumpanija ta' kiri u ġestjoni ta' vaguni tal-merkanzija li hija attiva fil-livell internazzjonali. L-attivitajiet tagħha jinkludu l-kiri pan-Ewropew ta' vaguni tal-merkanzija, il-ġestjoni tal-flotot tal-vaguni tal-klijenti stess u pariri dwar il-manutenzjoni, l-assigurazzjoni u s-sikurezza madwar il-vaguni tal-merkanzija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'din in-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10684 — SWISS LIFE / VAUBAN / WASCOSA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz Elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË